MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 9/2009/1

**Violet Camilleri illum Galea**

**Vs**

**Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u permezz ta' digriet tas-6 ta' Ottubru 2010 l-Avukat Dottor Kevin Mompalao gie awtorizzat jintervjeni in statu et terminis**

Il-Qorti,

Rat li permezz ta' rikors ipprezentat minn Violet Camilleri fit-30 ta' Novembru 2009 ir-rikorrenti talbet lil din il-qorti tordna r-ritassa tad-dritt tal-avukat fil-kawza fl-ismijiet 'Violet Camilleri vs Mario Camilleri" (Rikors numru: 9/2009AE). L-ilment tar-rikorrenti huwa li r-Registratur intaxxat ghal darbtejn it-talba ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq valur ta' €449,500. L-argument

tar-rikorrenti huwa li l-komunjoni tal-akkwisti ser tigi likwidata darba biss.

Rat li r-Registratur intimat irrisponda billi sostna li m'ghandu l-ebda interess fl-ammont li jigi eventwalment intaxxat a favur tal-avukati. Madankollu argumenta li ladarba l-kontro-talba hija kawza separata mit-talba u ghandha hajja awtonoma anke fl-eventwalita' li l-kawza tigi ceduta t-taxxa nhadmet sew.

Rat li l-intervenut fil-kawza Dr Kevin Mompalao eccepixxa preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotur minhabba li gie prezentat minghajr firma ta' avukat; kif ukoll l-inkompetenza *rationae valoris.* Fil-mertu eccepixxa li t-taxxa nhadmet gustament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Illi a tenur tad-digriet moghti mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Marzu 2011 kunjom ir-rikorrenti gie korrett biex jirrifletti li hija maghrufa bhala Galea. In vista ta' tali digriet din il-Qorti qeghda tordna korrezzjoni a tenur ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 fl-okkju tar-rikors promotur odjern u fl-atti kollha sussegwenti sabiex ma' isem u kunjom ir-rikorrenti jizdiedu zewg kelmiet "Illum Galea".

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati rispettivi.

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-vertenza in kwistjoni huma s-segwenti:

- Fl-4 ta' Mejju 2009 Violet Camilleri ipprezentat kawza ta' separazzjoni kontra zewgha Mario Camilleri (**Violet Camilleri vs Mario Camilleri** – Rikors numru 9/2009). Permezz tat-tielet u raba talba talbiet it-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-gid jinqasam skond il-ligi. Ir-rikors guramentat iffirmah l-avukat Dr Kevin Mompalao.

- Fit-8 ta' Gunju 2009 Mario Camilleri ipprezenta risposta guramentata u fl-istess waqt ressaq talba rikonvenzjonali.

It-tielet talba hi simili hafna ghat-tielet talba tar-rikors guramentat li pprezentat Violet Camilleri. Dan in kwantu Mario Camilleri qieghed jitlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Ir-risposta guramenta u r-rikonvenzjoni ffirmahom l-avukat Anton Refalo.

- Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fis-26 ta’ Gunju 2009, Violet Camilleri wiegbet ghar-rikonvenzjoni. Permezz tat-tielet eccezzjoni ddikjarat li qatt ma opponiet il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li kienet hi stess li qeghdha titlobha.

- Fit-3 ta’ Novembru 2009 l-avukati pprezentaw nota konguntiva u ddikjaraw li l-valur tal-kawza hu ta’ €449,500.

- Fit-3 ta’ Novembru 2009 ir-Registratur tal-Qorti ntaxxat id-drittijiet tal-avukati *come ceduta*.

- Fil-11 ta’ Novembru 2009 l-avukat Dr Kevin Mompalao irrinunzja ghall-patrocinju ta’ Violet Camilleri.

- Fis-16 ta’ Novembru 2009 l-avukat Dr Kevin Mompalao ipprezenta ittra ufficjali kontra Violet Camilleri fejn interpellaha thallas is-somma ta’ €7,395.74 bhala hlas ghas-servizzi professjonali fil-kawza ta’ separazzjoni, skond taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti. L-ittra ufficjali giet notifikata lil Violet Camilleri fl-1 ta’ Dicembru 2009.

- Fit-23 ta’ Novembru 2009 ir-rikorrenti pprezentat rikors fl-atti tal-kawza ta’ separazzjoni fejn talbet ir-ritassa. Permezz ta’ digriet moghti fl-24 ta’ Novembru 2009, il-qorti rriferiet ghall-Artikolu 64 u stiednet lir-rikorrenti sabiex tipprocedi skond l-imsemmi provvediment.

- Fit-30 ta’ Novembru 2009 gie prezentat ir-rikors odjern. Kif jirrizulta mill-atti r-rikors promotur huwa ffirmat biss mir-rikorrenti u m’hemm l-ebda firma ta’ avukat.

- Fid-29 ta’ Jannar 2010 inghata provvediment li permezz tieghu l-qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti.

- Gie pprezentat appell li gie deciz fit-2 ta' Lulju 2010. Permezz tas-sentenza taghha l-Qorti ta' l-Appell iddikjarat is-sentenza ta' l-ewwel qorti bhala nulla u rrinvjata abbazi ta' skorrettezzi procedurali.

- Permezz ta' din is-sentenza gie ordnat l-isfilz tar-risposta tal-avukati Dottor Refalo u Dottor Mompalao.

- Oltre' dan il-Qorti ta' l-Appell idderigiet lill-ewwel qorti *"biex tkompli tikkunsidra s-smigh tal-kawza mill-mument li dahlet ir-risposta tal-intimat Registratur tal-Qrati minghajr ma tqis ir-risposti ta' terzi bhala eccezzjonijiet veri u proprji; u fit-tieni lok, tikkunsidra wkoll jekk, darba li l-intimat Registratur ma ssollevax in-nullita` tal-att promotorju (eccezzjoni difficilment proponibbli tenut kont tal-fatt li huwa stess ammetta l-prezentata tar-rikors), jekk huwiex il-kaz li, bl-addezjoni tal-intimat Registratur, l-imsemmija appellata Violet Camilleri tinghata fakolta` ta' assistenza legali b'mod li l-att relattiv jigi ffirmat u sanat skond il-ligi;"*

- Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 gie verbalizzat b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li r-Registratur ma jaf bl-ebda provvediment tal-Kap 12 li jippermettilu li jaghti l-adezjoni mitluba.

- Sar rikors ghal ritrattazzjoni mir-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-1 ta' Ottubru 2010.

- Permezz ta' digriet tas-6 ta' Ottubru 2010 din il-qorti laqghet it-talba ta' Dr Mompalao sabiex jintervjeni *in status et terminis.*

- Permezz tas-sentenza tas-6 ta' Mejju 2011, il-Qorti ta' l-Appell cahdet it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza u kkunsidrat hekk:

*"Huwa minnu li dawn il-proceduri gew istitwiti, mankanti l-firma ta' avukat, bi ksur ta' dak li jipprovdi tassattivament l-Artikolu 178(1) tal-Kap 12, biss kif irrizulta dan sar bl-akwiexxenza u sahansitra l-intervent attiv tal-istess intimat*

*jew subalterni tieghu, liema intervent seta' zgwida lill-istess rikorrenti u gieghlha thossha komda li ma kinitx qed tikser xi ligi procedurali. Tant gara hekk li l-istess intimat qaghad lura milli jressaq eccezzjoni ta' nullita` minhabba dan in-nuqqas billi tali eccezzjoni kienet tirridonada fuqu gialadarba huwa tenut bil-ligi li ma jaccettax atti mhux skont kif tipprovdi l-ligi. Kien ghalhekk gust u espedjenti dak li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza fuq riprodotta billi b'dan il-mod il-partijiet regghu tqeghdu f'pozizzjoni li jigi diskuss il-mertu proprju.*

*Jigi osservat inoltre li meta fis-sentenza msemmija jinghad li tehtieg l-"addezjoni tal-intimat" dan kien qed jinghad tenut kont tal-assjem tal-fatti kollha tal-kaz, mhux l-icken, in-nuqqas tal-istess Registratur meta laqa' l-att difettuz. Biss din l-addezjoni giet dejjem soggetta ghad-diskrezzjoni u awtorita` tal-ewwel Qorti li tara "jekk huwiex il-kaz, bl-addezjoni tal-intimat Registratur, l-imsemmija appellata Violet Camilleri tinghatha fakolta` ta' assistenza legali…..". B'dan il-mod din il-Qorti mhux biss kienet qed tohloq il-possibilita` li tigi ssanata l-pozizzjoni tar-rikorrenti, izda kienet qed taghmel l-istess fil-konfront tal-intimat appellant."*

- Kif jirrizulta mid-diversi verbali r-Registratur m'aderixxix ruhu mas-suggeriment tal-Qorti ta' l-Appell.

- Fil-fehma tal-qorti, is-suggeriment tal-Qorti ta' l-Appell halla diskrezzjoni f'idejn il-qorti f'kaz li r-Registratur kien lest li jaderixxi mas-suggeriment u in vista wkoll li ma kien ghad fadal l-ebda eccezzjoni ta' nullita' la darba r-risposti ta' Dr Mompalao u Dr Refalo kienu gew sfilzati.

- Is-sitwazzjoni odjerna hija li l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata minn Dr Mompalao trid tigi trattata u deciza.

- Illi hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Carmelo Galea vs Silvio Zammit et**[1]

[1] Appell Nru: 4/2008PS deciz fil-15 ta' Lulju 2009

"*Huwa certament fl-ordni logiku illi din il-Qorti tghaddi biex tinvesti l-ewwelnett din l-eccezzjoni ta' l-appellat ghaliex, kif ritenut, "l-eccezzjoni ta' l-irritwalita` ta' l-istanza, li tammonta ghan-nullita` ta' l-istanza, mhux biss hija kwestjoni essenzjalment preliminari bhal ma hija dik ta' l-inkompetenza, imma anke tirbah lil dik ta' l-inkompetenza. Ghax jekk hi nulla l-istanza, allura t-tribunal, ghandu jew m'ghandux gurisdizzjoni, ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kawza, stante li ma jkunx debitament investit biha, u lanqas jista' jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni ta' linkompetenza" ("***Joseph Galea et -vs- Nutar Dottor Antonio Galea",*** *Appell Civili, 27 ta' Gunju, 1955)"*

- Illi anki kif diga' gie sottolineat mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni tat-2 ta' Lulju 2010, m'hemmx dubju li r-rikors promotur huwa rritu. Infatti t-termini ta' l-artikolu 178 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa tassattiv li rikors jew att ghandu jigi ffirmat minn avukat. M'hemmx dubju wkoll li r-Registratur ma messu qatt accetta tali att li kien in vjolazzjoni tal-ligi u dan a tenur ta' l-artikolu 164 tal-Kap 12.

- Il-kwistjoni li trid tigi deciza hija jekk tali att hux null. Referenza ssir ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Grech vs Avukat Generali[2]:**

*"Illi din hija decizjoni marbuta mal-validita' tar-rikors promotorju peress li mhux iffirmat minn avukat. Dan il-punt gia' gie deciz minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza "Clark vs Ir-Registratur tal-Qorti", deciza fit-28 ta' Marzu 2006. Intqal hekk a propozitu ta' din il-materja:*

*"Waqt is-smiegh tar-rikors, l-intimat ressaq raguni ohra ghala r-rikors ghandu jitqies illi ma sarx sew u ma jiswiex; din ir-raguni hi illi r-rikors ma huwiex iffirmat minn avukat, kif irid l-Art. 178 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili:*

[2] Rik Nru: 28/2012TM deciz fit-12 ta' Ottubru 2012

*178. L-iskritturi u rikorsi guramentati jew le ghandhom ikunu ffirmati mill-avukat u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali.*

*Il-firma ta' avukat tassew hija mehtiega ad validitatem u n-nuqqas taghha jwassal biex l-att jitqies null taht l-Art. 789(d) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili:*

*789. (1) L-eccezzjoni ta' nullita' ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata –*

*(d) Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Il-htiega li parti tkun mghejjuna minn avukat ma hijiex biss htiega ta' formalita' izda hija mehtiega fl-interess tal-heffa u l-efficjenza tal-proceduri gudizzjarji sabiex ma jinhelix hin fuq episodji procedurali li jitqanqlu ghax min ihejji l-att ma jaghmlux sew ghax ma jkunx jaf xi trid il-ligi tal-procedura. Il-ligijiet tal-procedura qeghdin hemm bi hsieb u ghalhekk ghandhom jitharsu; wara kollox, huwa ukoll, jew ghandu jkun, fl-interess ta' min jipprezenta l-atti li l-kawza tieghu ma tigix arenata ghax, billi ma jafx sew il-procedura, l-atti tieghu ma jaghmilhomx kif ghandhom isiru. L-eccezzjoni taht l-Art. 178 u 789 (1)(d) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghalhekk ghandha tintlaqa'."*

*Din il-Qorti, kif issa presjeduta, taqbel ma dan l-insenjament".*

- Din il-qorti wkoll taqbel ma' tali insenjament.

- Din il-qorti ghalhekk a bazi ta' dak dispost mil-ligi u a bazi ta' l-insenjamenti preciti ma ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara null ir-rikors tar-rikorrent u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intervenut fil-kawza Dr Mompalao tiddikjara null ir-rikors tar-rikorrent u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tieghu.

Bl-ispejjez  a karigu ta’ l-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------